MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1034/2002/1

**United Acceptances Finance Limited**
**vs**
**Caroline Ann Borg u Simon Borg in solidum**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,112.63c (elf, mija u tnax il-lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) rapprezentanti import ta' kambjali accettati u ffirmati mill-konvenuti kopji ta' liema kambjali jinsabu annessi ma' l-Avviz u mmarkati Dok '1' sa '18', liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali kontra l-konvenuti;

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema lill-Dr Reuben Balzan jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu dovut;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm1,112.63c (elf, mija u tnax il-lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) import ta' tmintax (18)-il kambjala li skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------